



Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)

05136/26

LIMITE

CORLX 12
CFSP/PESC 19
RELEX 11
CYBER 6
JAI 23
FIN 10

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/796 dwar miżuri restrittivi
kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/796 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 129I, 17.5.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/796/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/796.
- (2) Bħala parti mill-azzjoni sostnuta, imfassla u koordinata tal-Unjoni kontra atturi persistenti ta' theddid ċibernetiku, jenħtieġ li żewġ persuni fiżiċi u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796. Dawk il-persuni fiżiċi u entitajiet huma responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha, jew involuti fihom.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/796 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/796 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jizjeddu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"18.	CHEN Cheng	陈诚 (ortografija Ċiniża) Pseudonimi: Jesse Chen lengmo l3n6m0 Data tat-twelid: 20.10.1984 Post tat-twelid: Yancheng, Jiangsu, China Nazjonalità: Ċiniża Sess: raġel	Chen Cheng huwa negozjant Ċiniż, kofundatur u wieħed mill-manigġers ġenerali (Uffiċjal Kap Operattiv) ta' Anxun Information Technology Co. Ltd. Huwa wkoll rappreżentant legali tal-fergħa ta' Sichuan ta' dik il-kumpanija. Anxun Information Technology Co. Ltd, magħrufa wkoll bħala i-Soon, hija kumpanija bbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) li toffri servizzi ta' "hacking-for-hire". Anxun Information Technology Co. Ltd. qiegħdet fil-mira infrastruttura kritika u funzjonijiet kritiċi tal-istat tal-Istati Membri u aċċessat u biegħet informazzjoni klassifikata. Barra minn hekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. attakkat gvernijiet ta' diversi stati terzi, u b'hekk thedded il-miri tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Anxun Information Technology Co. Ltd. tikseb benefiċċju ekonomiku importanti mis-servizzi pprovduti.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Għalhekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. hija responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif ukoll attacchi kontra Stati terzi.</p> <p>F'din il-kapaċità, Chen Cheng huwa responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti, u huwa involut fihom, li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri kif ukoll attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
19.	WU Haibo	<p>吴海波 (ortografija Ċiniża)</p> <p>Pseudonimi: shutdown shutd0wn</p> <p>Post tat-twelid: China</p> <p>Nazzjonalità: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Wu Haibo huwa negozjant Ċiniż, kofundatur u wieħed mill-manigġers ġenerali (Uffiċjal Kap Eżekuttiv) ta' Anxun Information Technology Co. Ltd. Huwa wkoll r-rappreżentant legali, president u manigġer ġenerali tal-fergħa ta' Shanghai ("omm") ta' Anxun Information Technology Co. Ltd. Barra minn hekk, huwa qed jaġixxi wkoll bħala r-rappreżentant legali tal-fergħa ta' Sichuan ta' dik il-kumpanija.</p> <p>Anxun Information Technology Co. Ltd., magħrufa wkoll bħala i-Soon, hija kumpanija bbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) li toffri servizzi ta' "hacking-for-hire". Anxun Information Technology Co. Ltd. qiegħdet fil-mira infrastruttura kritika u funzjonijiet kritiċi tal-Istat tal-Istati Membri u aċċessat u biegħet informazzjoni klassifikata. Barra minn hekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. attakkat gvernijiet ta' diversi Stati terzi, u b'hekk thedded il-miri tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.</p> <p>Anxun Information Technology Co. Ltd. tikseb benefiċċju ekonomiku importanti mis-servizzi pprovduti.</p>	++;

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
			<p>Għalhekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. hija responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri kif ukoll attacchi kontra Stati terzi.</p> <p>Wu Haibo kien involut fit-tmexxija u l-inkoraġġiment ta' tentattivi ta' attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra l-Istati Membri.</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu, huwa responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti, u huwa involut fihom, li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri kif ukoll attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p>	

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"5.	Integrity Technology Group	<p>永信至诚科技集团股份有限公司</p> <p>(ortografija Ċiniża)</p> <p>Pseudonimu:</p> <p>Beijing Integrity Technology Company Limited, Yongxin Zhicheng Technology Group Company Limited</p> <p>Indirizz: Fenghao East Road, Room 103, Building 6, No. 9, Beijing Haidian District, China</p>	<p>Integrity Technology Group hija intrapriża taċ-ċibersigurtà, ibbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ), li ffaċilitat attakki ċibernetiċi marbuta mat-Theddida Persistenti Avanzata (APT) Flax Typhoon,. Dik l-APT użat l-prodotti u t-teknoloġija ta' Integrity Technology Group biex timplimenta l-attivitajiet tagħha ta' sfruttament tan-network tal-kompjuters. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-prodotti ta' Integrity Technology Group ntużaw biex jikkompromettu u jaċċessaw l-apparati tal-Internet tal-Oġġetti fl-Istati Membri, kif ukoll f'pajjiżi fl-Ewropa u madwar id-dinja. Bejn l-2022 u l-2023, Flax Typhoon aċċessat mill-inqas 65 600 apparat tal-Internet tal-Oġġetti f'sitt Stati Membri billi użaw il-prodotti ta' Integrity Technology Group.</p> <p>Għalhekk, il-prodotti kummerċjali u l-infrastruttura ta' Integrity Technology Group intużaw b'mod regolari f'attakki ċibernetiċi kontra l-Istati Membri kif ukoll Stati terzi. Konsegwentement, billi taffettwa s-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-infrastruttura diġitali, Integrity Technology Group qed tippovdi appoġġ tekniku u materjali għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri u Stati terzi.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
		Post tar-reġistrazzjoni: Beijing, China Data tar-reġistrazzjoni: 2.9.2010 Kodiċi ta' Kreditu Soċjali Unifikat: 91110108562135265P		

PUBLIC

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
6.	Emennet Pasargad	<p>Pseudonimu: Anzu Team, Holy Souls, Aria Sepehr Ayandehsazan, Haywire Kitten</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 554267</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Teheran, Iran</p>	<p>Emennet Pasargad huwa attur ċibernetiku Iranjan (kumpannija) li qiegħed fil-mira bosta entitajiet, b'mod partikolari, fl-Istati Membri kif ukoll fl-Istati Uniti (US).</p> <p>Emennet Pasargad, li jopera taħt il-pseudonimu "Anzu Team", qiegħed fil-mira infrastruttura diġitali fl-Iżvezja u kkomprometta servizz tal-SMS Żvediż, li affettwa għadd kbir ta' nies. Barra minn hekk, billi aġixxa taħt il-pseudonimu "Holy Souls", l-entità kkompromettiet il-bażi tad-data tal-abbonati tar-rivista satirika Franċiża, Charlie Hebdo, u rreklamatha għall-bejgħ fuq id-dark web. Emennet Pasargad ikkomprometta l-billboards tar-reklamar matul il-Logħob Olimpiku ta' Pariġi u wera kampanji ta' diżinformazzjoni. Emennet Pasargad ipprova wkoll jinterferixxi fl-elezzjonijiet presidenzjali tal-Istati Uniti tal-2020, billi hedded id-demokrazija u l-istat tad-dritt, billi kiseb informazzjoni kunfidenzjali dwar il-votanti tal-Istati Uniti u kiseb aċċess mhux awtorizzat għan-network tal-kompjuters ta' kumpanija tal-media tal-Istati Uniti.</p> <p>Għalhekk, Emennet Pasargad huwa responsabbli għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri u għal attacchi ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stat terz.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
7.	Anxun Information Technology Co. Ltd.	<p>安洵信息技术有限公司 (ortografija Ċiniża) Pseudonimu: i-Soon Indirizz: Room 1002, Qiangqiang Building, No. 1318 Qixin Road, Minhang District, Shanghai</p> <p>Kodiċi ta' Kreditu Soċjali Unifikat: 91510105332025597A (fergħa ta' Sichuan)</p> <p>Kodiċi ta' Kreditu Soċjali Unifikat: 91310116561906136G (fergħa ta' Shanghai)</p>	<p>Anxun Information Technology Co. Ltd. hija kumpannija bbażata fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li toffri servizzi ta' "hacking-for-hire". Hija qiegħdet fil-mira infrastruttura kritika u funzjonijiet kritiċi tal-Istat tal-Istati Membri u aċċessat u biegħet informazzjoni klassifikata. Barra minn hekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. attakkat gvernijiet ta' diversi Stati terzi, u b'hekk thedded il-miri tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.. Anxun International Technology Co. Ltd. tikseb benefiċċju ekonomiku importanti mis-servizzi pprovduti.</p> <p>Għalhekk, Anxun Information Technology Co. Ltd. hija responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Istati Membri kif ukoll għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra Stati terzi.</p>	+".

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		<p>Siti web: i-soon.net, isoon.net, i-soon.com.cn, isoonren.com, isoon.win</p> <p>Numri tat-telefown: +862161119992, +8605645893417, +8613761671735, +864000665915</p> <p>Posta elettronika: shutdown@163.com, isoon2015@126.com, tao_tingting@i-soon.net, li_ping@i-soon.net</p>		